MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 87/2005

**APS Bank Limited (C 2192)**

**vs**

**Adrian Busuttil (ID 8865M)**
**Mary Rose Busuttil (ID 474265M) mart Adrian Busuttil**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti 'in solidum' bejnithom ghall-hlas tas-somma lis-socjeta' attrici ta' erbat elef, sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,657.45), rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' facilita' ta' 'overdraft' kocessa mill-Bank attur lill-konvenuti skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Cachia tat-tliet (3) ta' Ottubru, tas-sena elf, disa' mija sitta u disghin (1996) (Dok. A) u cioe' is-somma ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm4,465.20) dovuta bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 11613031016 (Dok B) u s-

somma ta’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm192.25) (Dok C); u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, kollha kontra l-konvenuti ‘in solidum’ inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh, u bl-imghax legali b’effett mill-31 ta’ Dicembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti ‘in solidum’ li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-5 ta’ April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti ‘in solidum’.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------